**525. Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, jipproponi:**

Riżoluzzjoni dwar ir-ratifika tal-Ftehim li jemenda t-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità (MES)

Malta għandha tirratifika l-Ftehim li jemenda t-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità (MES) bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika tal-Finlandja li ġie ffirmat mill-Gvernijiet tal-Istati Membri taż-żona tal-euro (EAMS) fis-27 ta' Jannar 2021 u li kopja tiegħu hija annessa ma' din ir-Riżoluzzjoni;

Billi Malta rratifikat t-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika tal-Finlandja, kif approvat mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, iffirmat fit-2 ta' Frar 2012, bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-Kap. 523 tal-Liġijiet ta' Malta;

Billi l-għan tal-Ftehim Emendatorju huwa li jiżviluppa ulterjorment l-MES biex jissaħħu r-reżiljenza u l-kapaċitajiet tar-riżoluzzjoni tal-kriżi taż-żona tal-euro, filwaqt li tkompli tiġi rrispettata bis-sħiħ il-liġi tal-Unjoni Ewropea;

Billi dawn l-emendi għat-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità ma jmorrux lil hinn mill-għan speċifikat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 523, l-Att dwar il Parteċipazzjoni u l-Għoti ta' Appoġġ għall-Istabbilità Finanzjarja skont il-Mekkaniżmu ta' Stabbilità Ewropea;

Billi Malta hija azzjonista tal-MES, huwa fl-aħjar interess tal-Gvern Malti illi jirratifika l-Ftehim li jemenda t-Trattat li jistabbilixxi l-MES;

Illi għalhekk issa din il-Kamra tirriżolvi li tawtorizza lill-Gvern ta' Malta sabiex jirratifika l-Ftehim li jemenda t-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilità bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka u r-Repubblika tal-Finlandja.

**21.05.2021**